# Antonia Mercieca



*Kan. Ġorġ Spiteri*

San Ġorġ Preca, wara missierna San Pawl, kien ta' barka għal Malta bit-twaqqif tas-Soċjetà tal-Museum. San Ġorġ kien saċerdot qaddis u mżejjen b'ħafna virtujiet, fosthom l-umiltà, sempliċità, manswetudni u ubbidjenza. Hekk ukoll ried li s-soċji tiegħu jgħixu l-ħajja tagħhom. Mijiet ta' nisa u rġiel inkorporaw f'din is-soċjetà li waqqaf Dun Ġorġ Preca biex jgħixu ċ-ċelibat u fl-istess ħin ikunu ta' katekisti għat-tfal Maltin u Għawdxin. Dan ix-xogħol għadhom jagħmluh is-soċji, bl-akbar serjetà u diliġenza fl-oqsma tal-Museum imxerrdin ma' Malta u Għawdex u anke barra minn Malta.

Waħda minn dawn is-soċji li mxiet wara l-passi ta' San Ġorġ Preca kienet Antonia Mercieca ta' Kanċ kif konna nafuha aħna ż-Żwieten. Peress li jiena twelid tĦal Tmin, ta' ħames snin kont immur id-duttrina fil-kappella ta' Santa Marija, fit-triq tar-Ramla. Tonina kienet l-ewwel għalliema f'ħajti. Ta' ħames snin bdejt nitgħallem il-katekiżmu mingħandha b'mod sempliċi u ċar. Kienet tħobb tkellimna fuq Alla u l-qaddisin. Tonina kienet mara kalma ħafna u bil-mod sempliċi tagħha kienet tieħu paċenzja bina sakemm tara li qed nitgħallmu d-duttrina tajjeb. Ta' tfal li konna, konna nistennew bl-akbar ħerqa l-Ħadd jasal, għax kull nhar ta' Ħadd Tonina, u magħha kienet tinżel Katarina Grech tal-Ixkawx, kienu jġibulna xi kaxxa ħelu għat-tfal kollha li kienu jiġu d-duttrina. Kien żmien sabiħ f'ħajti li ma ninsa qatt. Barra minn hekk kien iż-żmien li bdejt nisma' ħafna fuq Ġesù. Tonina kienet dik il-mara f'ħajti, u f'ħafna oħrajn, li bdiet tqarribna fl-imħabba tagħna lejn Ġesù.

F'dan l-artiklu ċkejken staqsejt xi nies li jafu lil Tonina Mercieca aktar minni, fosthom lis-soċja Rena Bonnici u anke lin-neputija tagħha Tereża Buttigieg.Tonina twieldet fl-1904. Hi kienet it-tielet waħda fost sebat aħwa. Kienu joqogħdu f'razzett fl-inħawi ta' Ħal Tmin, iż-Żejtun. Il-familja kienu jgħixu bix-xogħol tar-raba' u kienu jrabbu xi annimali. Naturalment kienu jbiegħu xi prodotti u kienu wkoll ibiegħu l-ħalib, l-irkotta u xi ġbejniet. F'dak iż-żmien ħafna bdiewa mit-triq tar-Ramla kienu jagħmlu l-irkotta, fosthom il-familji tal-Fenek. Iżda Tonina kienet ukoll taħdem billi kienet tmur taħsel u tgħin fix-xogħol tad-dar għand xi nies minn Tas-Sliema.

Bħala soċja tal-Museum, kienet tagħti sehemha fit-



tagħlim tad-duttrina. Fl-1934 għamlet iċ-ċerimonja tal-kandidati u f'dik is-sena bdiet, bl-għajnuna tas-superjura, biex tinkorpora fis-Soċjetà. Sena wara, jiġifieri fl-1935, inkorporat bħala soċja, u bdiet tagħti sehemha fid-duttrina. Hi kienet tmur tgħallem fil-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin. Tonina kienet tmur bil-mixi erba' darbiet fil-ġimgħa, tiġbor lit-tfal ta' dawk l-inħawi u tgħallimhom xi talb ħafif, kif ukoll fuq Alla, il-Madonna eċċ. Irridu nifhmu li f'dak iż-żmien, it-tagħlim ma kienx bħal ta' dan iż-żmien. Ma kienx hemm klassijiet, kulħadd kien flimkien kbar u żgħar. Kienet tiġbor lil kulħadd flimkien għad-duttrina. Xi anzjani li jafu lil Tonina jgħidu li huma jafu xi talb bis-saħħa ta' Tonina.

Din il-missjoni mat-tfal baqgħet tagħmilha sa età avvanzata u waqfet minn dan l-appostolat kważi meta kellha xi disgħin sena, għax is-superjuri tawha parir biex ma tmurx iżjed minħabba saħħitha.

Tonina kienet ukoll tħobb ħafna l-missjoni. Kienet taħdem bis-suf xi tapiti żgħar, u tbiegħhom għall-

missjoni. Barra minn hekk kienet ukoll tgħin lid-Dar tal-Providenza. Kienet tmur is-Siġġiewi u kienet toqgħod issewwi xi ħwejjeġ, lożor eċċ. Ħafna drabi kienet torqod għand ħutha, speċjalment għand oħtha Katarin li kellha familja numeruża. S'intendi kienet tgħinha fix-xogħol tad-dar. Jien ukoll niftakar lil Tonina torqod għand soċja Vitorin Bianco li għadha ħajja u għandha 97 sena, peress li Vitorin kienet timrad ta' spiss u tgħix waħedha. Kienet tassew ta' wens għal ħafna nies.

Tonina marret tiltaqa' mal-Mulej fl-14 ta' Diċembru 1997, fl-età venerabbli ta' 93 sena.

Jiena xtaqt infakkar lil din il-mara qaddisa Żejtunija, għax forsi nies bħal dawn kulħadd jinsiehom. Bħal Tonina kellna ħafna iżjed fiż-Żejtun, u għad għandna, li għexu l-ħajja ta' Ġesù u kienu xhud tiegħu bil-kelma u bl-eżempju. Ir-raħal għażiż tagħna kien ikun ħafna ifqar spiritwalment kieku ma kienx hemm nies bħal Tonina u ħafna oħrajn bħalha li ddedikaw ħajjithom għal ħaddieħor.



*Tereża Buttiġieg b'tapit maħdum minn Antonia*

**Il-Mużew tal-Arti u l-Istorja jkun miftuħ lejliet u nhar il-Festa għal donazzjoni ta' €2.00. Tfal jidħlu b'xejn.**

Fresh Fruit and Vegetables

Phone Godfrey Abela on 99330055



Stop Everyday
Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun
Mob:79256083
Stationery, Detergents, Household Goods, Haberdashery, Underwear